MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 95/2014

**A B**

**vs**

**L-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina li permezz ta' digriet datat 30 ta' April 2014 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tal-14 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tas-16 ta' Gunju 2014 fejn esponew li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat in-nota tal-attrici tas-27 ta' Gunju 2014 fejn iddikjarat li ma tafx bl-indirizz tal-assenti.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Novembru 2007, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet kienu in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Reuben Debono datat 17 ta' Settembru 2014, ghazlu li jeskludu r-regim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet;

2) Tawtorizza lill-esponenti A B tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ ‘Dix’;

3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------